**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 83/2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**JASON CALLEJA**
(I.D. 523777M)

**CARMEL ZAMMIT**
(I.D. 135255M)

**Illum, 26 ta' Settembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **JASON CALLEJA** detentur tal-karta tal-identita numru 523777(M) u **CARMEL ZAMMIT** detentur tal-karta tal-identita numru 135255(M), tressqu quddiemha akkuzati talli:-

Illi fil-perjodu ta' bejn Frar, 2014 u Lulju 2014, b' diversi atti maghnulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru 1-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn hames t'elef ewro (€5,000) ghad-dannu ta' Daniela Calleja u jew ta' Emanuel Sammut mill-Mellieha;

2. Ghamlu qliegh iehor b' qerq mhux imsemmi fi-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hames t'elef (€5,000) ghad-dannu ta' Daniela Calleja u/jew ta' Emanuel Sammut mill-Mellieha;

3. Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

4. Ghamlu falsikazzjoni ohra jew xjentament ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

5. Bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, bl-awtorita' taghhom innifishom fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, indhaltu fi hwejjeg haddiehor.

Illi dina 1-0norabbli Qorti giet mitluba wkoll sabiex:

F'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta' Marzu 2018 permezz ta' liema baghat lill-imputat Stefan Lekov biex jigi aggudikat minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:-

1. Fl-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 237(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 238(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti

Rat l-artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-10 ta' Mejju 2018 li giet ipprezentata ghall-fini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, u cioe`:-

(1) L-Artikoli 18, 308, 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(2) L-Artikoli 18, 309, 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(3) L-Artikoli 23, 23B u 23C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(4) L-Artikoli 18, 188(1)(2) u 189A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(5) L-Artikoli 18, 189 u 189A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(6) L-Artikoli 18 u 85(1)(2), 377(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) L-Artikoli 7, 8, 10, 11, 16, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputati entrambi ddikjaraw li ma kellhom ebda oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1].

[1] Fol 277.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni datata 5 ta' Ottubru 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-parte civile[2] u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza taz-zewg imputati[3];

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2019 il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

## <u>**FATTI TAL-KAZ**</u>

Illi l-fatti ta' din il-kawza kif johrogu mill-atti processwali huma s-segwenti:-

---

[2] Fl-udjenza tal-10 ta' April 2019.
[3] !4 ta' Mejju 2019.

Il-kwerelanti Daniela Calleja u missierha Emmanuel Sammut, ghamlu rapport lill-Pulizija sabiex jigi investigat kaz dwar allegat frodi in konnessjoni mat-trasferiment lill-imputat Carmel Zammit, ta' zewg vetturi li nxtraw matul iz-zwieg bejn il-kwerelanti Daniela Calleja u l-imputat Jason Calleja. Dawn il-vetturi huma Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GMY-054 u Mercedes Sprinter bin-numru ta' registrazzjoni HPY-028. Jirrizulta mill-atti illi l-imputat Jason Calleja u martu l-kwerelanti Daniela Calleja, kienu dak iz-zmien qeghdin fil-process li jikkonkludu separazzjoni personali tant illi kien thejja abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni min-Nutar Claire Camilleri[4].

Gie allegat illi l-vetturi li gew trasferiti lill-imputat l-iehor Carmel Zammit minghajr il-kunsens u ad insaputa tal-kwerelanti Daniela Calleja, kienu fil-mira ta' mandat ta' qbid ezekuttiv mahrug fil-konfront tal-imputat Calleja fuq talba tal-kwerelant Emmanuel Sammut in ezekuzzjoni tal-kreditu lilu dovut mill-koppja Calleja naxxenti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu konkluz fit-22 ta' Marzu 2006[5]. Dan il-mandat ta' qbid gie revokat fuq talba tal-kwerelant Emmanuel Sammut li saret jumejn qabel appuntament li kien gie skedat ghat-30 ta' Jannar 2014 sabiex jigi pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-koppja Calleja. Izda dan l-appuntament thassar u ghalkemm gie skedat appuntament iehor ghall-14 ta' Frar 2014 ghall-konkluzjoni tas-separazzjoni, dan ukoll gie mhassar, allegatament mill-avukat tal-imputat Calleja. Sadanittant, u wara li kien inhareg il-kontro mandat bin-numru 149/2014 mill-kwerelant Sammut, il-kwerelanti skoprew illi z-zewg vetturi GMY-054 u HPY-028 gew trasferiti mill-imputat Calleja lill-imputat l-iehor Carmel Zammit.

## PROVI

[4] Esebit in atti bhala Dok. DC1 a fol. 42 *et seq*.
[5] Esebit a fol. 151 *et seq*.

**Daniela Calleja** fil-kwerela[6] li ghamlet lill-Pulizija u fix-xhieda taghha quddiem il-qorti, irrapportat illi hija ghaddejja bi proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha l-imputat Jason Calleja u flimkien ghandhom zewg itfal. Qalet li zewgha huwa self-employed u jahdem bhala driver tal-mini buses u z-zewg vetturi li jahdem bihom huma HPY028 Mercedes Sprinter, u GMY054 Ford Transit. Hija fissret illi dawn il-vannijiet inxtraw fl-2011, waqt iz-zwieg, jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u huma hielsa mid-dejn.

Daniela Calleja xehdet illi l-vettura GMY-054 kienet inxtrat ghall-prezz ta' €34,000 filwaqt li l-Mercedes kienu xtrawha bil-prezz ta' £27,000 mill-Ingilterra u hallsu wkoll €15,000 ghal-licenzja taghha. Ziedet tghid illi bhala parti mill-ftehim tas-separazzjoni taghhom, gie maqbul li jinbiegh il-vann HPY 028 u mir-rikavat tithallas parti mis-self bankarju kuntrattat waqt iz-zwieg taghhom, filwaqt illi l-vettura GMY 054 Ford Transit kellha tibqa' ghand zewgha l-imputat.

L-istess kwerelanti qalet ukoll illi fit-30 ta' Jannar, 2014 kien hemm appuntament sabiex jigi iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni li kien gie approvat mill-qorti, izda dan l-appuntament gie pospost ghall-14 ta' Frar 2014 ghaliex skont hi, il-mandati ma gewx rilaxxati. Xehdet ukoll illi meta zewgha ma deherx lanqas ghall-appuntament tal-14 ta' Frar 2014, missierha pproceda biex jerga' jitlob il-hrug tal-mandat fuq il-vetturi in kwistjoni izda dan ma setax jaghmlu ghaliex irrizulta li l-vetturi kienu lahqu gew trasferiti ghal fuq isem l-imputat Zammit.

Il-kwerelanti kompliet tghid illi dan it-trasferiment tal-vetturi sar minghajr il-kunsens taghha u lmentat ukoll illi ghalkemm il-logbook tal-vettura Ford Transit GMY054 kien baqa' fil-pussess taghha wara illi f'Lulju 2013 zewgha telaq mid-dar matrimonjali minhabba li gie hekk ordnat mill-qorti, il-licenzja tal-vettura xorta wahda giet imgedda. Xehdet ukoll illi llum zewgha ghadu jahdem bil-vetturi, baqa'

[6] Dok DC2, fol. 49 *et seq.*, datat 22 ta' Frar, 2014. Din il-kwerela giet konfermata minnha waqt ix-xhieda taghha quddiem il-qorti.

juzahom hu u ghad ghandu l-lavranti bhal ma meta kien ghadu jghix id-dar, u kkonfermat ukoll illi meta gew akkwistati dawn iz-zewg vetturi, hija ma ffirmat xejn.

Fil-kwerela taghha, Daniela Calleja fissret ukoll illi apparti li tinsab f'pozizzjoni skomda u frustranti ghaliex il-kuntratt ta' separazzjoni ma giex iffirmat u lanqas jista' jigi firmat ghaliex peress li Jason ittrasferixxa il-vetturi, id-dejn li kellu jinheles mill-bank fuq il-post ghadu hemm u jekk il-vetturi ma jergghux jigu trasferiti lura f'isem zewgha, il-kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi ffinalizzat.

**Il-kwerelant Emmanuel Sammut** irrapporta fil-kwerela[7] illi huwa kien silef is-somma ta' Lm21,000 lil bintu u lil zewgha l-imputat Jason Calleja, matul iz-zwieg taghhom, liema kreditu jirrizulta mill-kostituzzjoni ta' debitu[8] li permezz taghha giet iskritta ipoteka specjali fuq id-dar matrimonjali tal-konjugi Calleja[9] bhala garanzija ghar-ripagament tad-debitu[10].

Meta xehed quddiem il-qorti, l-istess Emmanuel Sammut[11] qal illi meta bintu u zewgha waslu biex jisseparaw u billi kellhom id-dejn mieghu, hu flimkien ma' martu Victoria kienu pprezentaw ittra ufficcjali u ghamlu mandat ta' qbid li permezz tieghu gew issekwestrati zewg mini buses u xarabank licenzjati f'isem l-imputat Calleja. Qal ukoll illi l-ftehim li kien intlahaq bejn bintu u zewgha l-imputat Calleja sabiex jikkonkludu separazzjoni bonarja, kien illi l-imputat Calleja jbiegh wiehed mill-vannijiet milqutin bil-mandat sabiex jissalda s-self bankarju u fl-istess hin id-dar matrimonjali tigi trasferita lil bintu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni bhala hielsa minn kull debitu u piz filwaqt li l-vetturi l-ohrajn jigu trasferiti lill-imputat Calleja. Il-kwerelant Sammut spjega kif, bil-ghan li jigi finalizzat dan il-ftehim, huwa ottjena fit-30 ta' Jannar 2014 il-hrug tal-kontro mandat ghar-rilaxx tal-vetturi mill-effetti tal-mandat, izda l-appuntament li kien skedat ghall-istess gurnata sabiex jigi ppublikat il-

---

[7] Din il-kwerela giet konfermata minnu waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-qorti.
[8] Fl-atti tan-Nutar Marco Burlo`, a fol. 151, datata 22 ta' Marzu 2006.
[9] Il-fond 'Lily of the Valley', Cangun Flats, Triq il-Wied, Mellieha.
[10] Jirrizulta wkoll li l-konjugi Calleja kienu wkoll isselfu s-somma ta' Lm19,000 mill-bank HSBC permezz ta' kuntratt iehor datat 20 ta' Frar 2002[10] li permezz tieghu kienet giet iskritta ipoteka spejcali favur l-istess bank.
[11] Fl-14 ta' April 2016, a fol. 52 *et seq*.

kuntratt ta' separazzjoni, gie pospost ghall-14 ta' Frar 2014. Qal izda li dan l-appuntament ukoll thassar u dan fuq talba tal-avukat tal-imputat Calleja. Il-kwerelant zied jghid illi huwa kellu jnehhi l-mandati biex ikunu jistghu imexxu il-process taghhom il-bank. Huwa sar jaf illi l-imputat Calleja lahaq ittrasferixxa l-vetturi in kwistjoni f'isem l-imputat Carmel Zammit mill-Mellieha, li huma kienu jafuh sew. Dan it-trasferiment sehh fil-11 ta' Frar 2014, cioe` ftit jiem wara li l-istess kwerelant ottjena l-hrug tal-kontro mandat sabiex jigi finalizzat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn bintu u zewgha.

**Ispettur Yvonne Farrugia**[12], stazzjonata l-Economic Crimes Unit, esebiet waqt ix-xhieda taghha diversi dokumenti fosthom zewg stqarrijiet tal-imputat Jason Calleja wahda datata 11 ta' Lulju 2014 u t-tieni wahda datata 15 ta' Gunju 2015, skrittura privata datata 13 ta' Frar 2014 li giet mghoddija lilha mill-imputat Jason Calleja[13], kif ukoll l-istqarrija li rrilaxxa Carmel Zammit fil-15 ta' Gunju 2015[14].

L-istess Spettur Yvonne Farrugia regghet xehdet fis-16 ta' Frar, 2017, fejn spjegat il-fatti kif gew rakkontati lilha mill-kwerelanti Daniela Calleja u missierha Emmanuel Sammut fit-22 ta' Frar 2014. Xehdet ukoll illi abbazi ta' din l-informazzjoni, il-Pulizija ghamlu tfittxija fis-sistema taghhom fejn irrizulta illi z-zewg vetturi in kwistjoni kienu gew trasferiti fuq Carmel Zammit. Irrizulta wkoll illi fis-27 ta' Lulju 2013 Jason Calleja kien ghamel rapport mal-Pulizija fejn kien ilmenta illi martu Daniela Calleja kienet hadet pussess tal-*logbook* tal-vettura GMY 054 u ma riditx tirritornah lura ghandu ghalkemm kellu bzonn dan il-logbook ghall-fini tal-VRT billi li hu jahdem bih iwassal it-tfal tal-iskola.

Ix-xhud kompliet tispjega illi sar kuntatt ukoll ma' Transport Malta fejn jirrizulta li l-vettura HPY-028 kienet registrata minn Jason Calleja f'ismu fil-5 ta' Ottubru 2011, u fis-16 ta' Lulju 2012 kien iddikjara mal-awtoritajiet tat-trasport li tilef il-log book u

---

[12] Xhieda tal-21 ta' Lulju, 2016 Fol 104A et seq.
[13] Dok. YF 5 a fol. 114. Din l-iskrittura semmiha l-imputat Jason Calleja waqt l-interrogazzjoni tieghu fil-11 ta' Lulju 2014.
[14] Dok. YF9 a fol. 120.

ghaldaqstant kien inhariglu log book iehor. Fil-fatt mal-awtoritajiet tat-trasport jirrizulta li dan il-vann kien gie trasferit fuq Carmel Zammit fil-11 ta' Frar 2014.

Ghar-rigward tal-vettura GMY 054, ix-xhud qalet li mill-investigazzjonijiet li saru jirrizulta li Jason Calleja xtara Transit minibus fit-22 ta' Lulju 2011 minghand certu Joseph Bugeja u dan xtrah ukoll cash. Fid-29 ta' Lulju 2013 Jason Calleja kien gabar ukoll kopja ta' rapport li kien ghamel fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra u kien ipprezentah lil Transport Malta fejn iddikjara li l-log book tieghu kien gie misruq. Skont ir-records, l-ahhar VRT li kien ghamel fuq din il-vettura, kien fid-29 ta' Lulju 2013, u l-istess vettura wkoll giet trasferita fuq Carmel Zammit fil-11 ta' Frar 2014.

**Vincent Ciliberti**[15] li gie nominat mill-qorti sabiex jaghmel stima tal-valur taz-zewg vetturi trasferiti mill-imputat Jason Calleja lill-imputat Carmel Zammit u prezentement licenzjati f'ismu, ipprezenta rapport[16] fejn ikkonkluda illi l-van Mercedes Benz bin-numru HPY 028 ghandu valur ta' €18,000 u l-van bin-numru GMY 054 Ford Transit huwa stmat fi-lvalur ta' €1,400.

**In-Nutar Claire Camilleri**[17] gharfet l-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni esebit in atti u li kellu jigi konkluz bejn il-partijiet Jason Calleja u Daniela Calleja, bhala dokument li hejjietu hija stess. Ikkonfermat illi ma tafx lill-kwerelanti Daniela Calleja, u mal-imputat Jason Calleja ltaqghet mieghu xi darba biss fuq dan il-kuntratt izda sussegwentement waqaf kollox u l-kuntratt qatt ma gie ppublikat minnha.

Il-qorti rat ukoll ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**[18] xehed in rapprezentanza ta' Transport Malta u d-dokumenti minnu pprezentati; **WPS Marouska Debattista**[19]; **in-**

[15] Xhieda tal-5 ta' April, 2018, fol. 253 – 254.
[16] Fol 255 – 269.
[17] Xhieda tal-5 ta' April, 2018, fol. 270 – 271.
[18] Xhieda tal-5 ta' Mejju, 2016 u tas-16 ta' Gunju 2016.
[19] Xhieda tad-29 ta' Settembru, 2016, fol. 135 – 139.

**Nutar Christine Abela**[20]; **P.S. 731 Keith Vella**[21]; **P.S. 878 Jurgen Muscat**[22]; u **P.C. 188 Luke Camilleri**[23].

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar l-Istqarrijiet tal-Imputati</u>**

Il-Qorti qieghda qabel xejn tqanqal ir-rizervi taghha dwar l-ammissibbilita` bhala prova tal-istqarrijiet[24] li ttiehdu minghand l-imputati allura suspettati fil-11 ta' Lulju 2014 u fil-15 ta' Gunju 2015, kif ukoll tad-dokumenti li nghataw lill-Pulizija minn Jason Calleja matul l-interrogazzjoni tieghu fil-11 ta' Lulju 2014 u ghall-fini tal-istqarrija minnu rilaxxata[25].

Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet, l-imputati, allura suspettati, ma kellhomx dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrijiet ittiehdu minghand l-imputati minghajr lanqas ma nghatawlhom id-dritt li jaghzlu li jkollhom l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Il-qorti tosserva wkoll illi fil-kaz ta' Jason Calleja, inkixfu wkoll l-ezistenza ta' dokumenti li, kwantu ghal uhud mill-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom f'dan il-kaz, jistghu jkunu inkriminanti. Il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[26] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[27], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1)

[20] Xhieda tat-3 ta' Novembru, 2016 fol. 167 u 168.
[21] Xhieda tat- 3 ta' Novembru, 2016 fol. 169.
[22] Xhieda tat- 3 ta' Novembru, 2016 fol. 172.
[23] Xhieda tat-23 ta' Marzu, 2017 fol. 219 – 220.
[24] Dok. YF3, YF7 u YF9.
[25] Dok. YF4 u YF5.
[26] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[27] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.

abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija sa mill-mument li s-suspettat jitqieghed taht arrest, inkluz id-dritt li s-suspettat ikollu l-avukat tieghu prezenti fizikament waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li kien hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*[28]

Il-qorti hija konsapevoli wkoll illi fil-kaz recenti deciz mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Farrugia v. Malta**, dik il-qorti riteniet illi mhux kull kaz ta' uzu mill-qorti ta' stqarrija li tkun ittiehdet minghajr ma jkun gie moghti lis-suspettat id-dritt ta' assistenza legali f'kull waqt tal-process inkluz waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, iwassal ghall-lezjoni tad-dritt protett taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Madanakollu, l-istess Qorti Ewropeja ghamlitha car illi fid-determinazzjoni tal-lezjoni o meno ta' dan il-jedd, l-impatt tan-nuqqasijiet procedurali fl-istadju ta' qabel il-proceduri gudizzjarji, ghandu jitkejjel mhux biss skont l-ezistenza o meno ta' ragunijiet impellenti ghar-restrizzjoni tal-imsemmi dritt ghal assistenza legali, izda wkoll skont il-kriterju tal-*overall fairness* tal-process kriminali. In propositu, dik il-Qorti, fil-kaz appena msemmi, ghamlet referenza ghal sett ta' fatturi li ghandhom jigu mistharrga ghad-determinazzjoni tal-*overall fairness* tal-process, fosthom:-

[28] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.

"*... the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case.*"

Illi fis-sena 2014 u 2015, meta ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputati fil-kaz tal-lum, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, ghaliex dak iz-zmien id-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, u d-dritt ghal assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni. Konformament, kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettati waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ghandha titqies bi skrutinju strett fil-proceduri kriminali.

Kif intqal ukoll recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Christopher Bartolo vs L-Avukat Generali et**[29]:-

*"F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.*"

Izda, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, u mizmum ferm il-fatt illi fil-kaz odjern saru dikjarazzjonijiet fl-istqarrijiet in kwistjoni, u gew ukoll prodotti dokumenti li jistghu jippregudikaw il-pozizzjoni tal-istess imputati kwantu whud mill-imputazzjonijiet li jinsabu mixlijin bihom, il-Qorti tqis li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputati ghal smigh xieraq u ghat-thassir tal-process kollu, ma ghandhiex taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrijiet tal-imputati meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri, u lanqas ghandha taghmel uzu mid-dokumenti li gew mghoddija mill-imputat Calleja lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni

[29] Deciza 5 ta' Ottubru 2018.

tieghu meta ma kellux id-dritt ghal assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni. Dan qed jinghad ukoll ghaliex il-qorti tqis illi dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet jistghu jkunu strumentali fid-determinazzjoni tal-htija ghal uhud mill-imputazzjonijiet kriminali migjuba kontrihom.

**Ghaldaqstant, il-qorti sejra tiddetermina jekk l-imputati jistghux jinsabu hajta tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom, minghajr ebda referenza ghat-twegibiet moghtija mill-imputati ghad-domandi li sarulhom u lanqas ghat-taghrif u dokumenti minnhom moghtija spontanjament matul jew ghall-finijiet tal-interrogazzjoni mill-Pulizija**.

## L-EWWEL U T-TIENI IMPUTAZZJONI

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet jaddebitaw rispettivament liz-zewg imputati ir-reati ta' frodi b'eghmil qarrieqi ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u r-reat sussidjarju ta' qligh b'qerq kif prospettat mill-Artikolu 309, ghad-dannu ta Daniela Calleja u/jew Emmanuel Sammut u dan fil-perijodu bejn Frar 2014 u Lulju 2014.

Qabel xejn, ikun opportun illi jigi stabbilit x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht l-Artikolu 308 u l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, sabiex imbaghad jigi determinat jekk dawn isibux riskontru fil-fattispecje tal-kaz odjern.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[30] inghad illi:-

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm* ***ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittma****. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe'* ***l-uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali****. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti* ***fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana***

[30] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

***sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu***. *Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.* [enfasi ta' din il-qorti]

Kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[31]*:*

*"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche* ***l'inganno della vittima****, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato*." [enfasi tal-qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et**[32] gie ritenut in propositu tal-element tal-ingann mehtieg ghal entrambi reati prospettati mill-Artikolu 308 u 309, illi:-

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata* ***irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*** *... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[33]

Ghar-rigward ir-reat taht l-Artikolu 309, jinsab ritenut illi dan:-

*"... jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali.*[34]

---

[31] **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004.

[32] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

[33] Enfasi ta' din il-qorti. Vide wkoll: **Pulizija ve Carmela German** Appell Kriminali deciz 30 ta' Dicembru 2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata. (Din ir-referenza insab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

[34] **Il-Pulizija vs Joseph Incorvaja**, deciza minn din il-qorti diversament preseduta fis-27 ta' Gunju, 2011.

Kif gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmela German**[35]:-

*"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv,* ***basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq****, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba* ***u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Ikkunsidrat;

Dwar l-element tal-ingann li huwa essenzjali ghal entrambi reati ta' frodi, il-kwerelant Emmanuel Sammut xehed illi l-ftehim li ntlahaq bejn l-imputat Calleja u bintu Daniela Calleja u li abbazi tieghu kellha tigi konkluza s-separazzjoni personali bejniethom, kien illi Jason Calleja jbiegh wiehed mill-vetturi tan-negozju tieghu u bir-rikavat ihallas id-debiti dovuti mill-konjugi halli d-dar matrimonjali tal-konjugi Calleja tigi trasferita lil bintu hielsa minn kull dejn. Huwa qal li hassu ngannat ghaliex, billi haseb li l-kuntratt ta' separazzjoni kien ser jigi iffirmat, huwa nehha l-effetti tal-mandat ta' qbid li kien ottjena ghall-ezekuzzjoni tal-kreditu lilu dovut, izda madanakollu l-imputat Calleja mhux talli baqa' ma ffirmax il-kuntratt ta' separazzjoni, talli minflok, ittrasferixxa tnejn mill-vetturi lill-imputat l-iehor. Skont il-kwerelant dan ifisser li filwaqt li huwa baqa' ma thallasx il-kreditu dovut minn bintu u zewgha, ma setax iktar jezegwixxi l-kreditu tieghu fuq l-imsemmija vetturi.

Il-kwerelanti Daniela Calleja da parti taghha, ilmentat illi peress li l-vetturi trasferiti lill-imputat Zammit kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, il-kunsens u l-adezjoni taghha ghat-tnehhija ta' assi komuni kienu mehtiega u issa, galadarba l-vetturi ma ghadhomx tal-komunjoni, ma jistax jigi ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni skont il-ftehim li hi u zewgha kienu waslu ghalih.

[35] Appell Kriminali – deciz fit-30 ta' Dicembru, 2004.

**Kwantu ghall-kwerelant Sammut**, huwa evidenti illi sabiex jigi riskontrat l-element tal-ingann fl-agir tal-imputati illi jrid jirrizulta b'mod konklussiv mill-provi illi l-imputati jew xi wiehed minnhom uzaw mezzi qarrieqa biex jipperswadu lil dan il-kwerelant li kellu jirrilaxxa mill-effetti tal-mandat ta' qbid, dawk il-vetturi li eventwalment gew trasferiti lill-imputat Zammit, u illi dan il-qerq sar proprju bil-hsieb pozittiv li jsir dan it-trasferiment a dannu tal-kwerelant.

Kwantu mbaghad ghas-sejbien ta' htija ghar-reat ta' truffa prospettata mill-Artikolu 308 tal-Kap. 9, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni l-oneru ulterjuri li tressaq prova konklussiva li ssawwar il-konvinciment morali illi l-imputati f'dan il-kaz ingannaw bil-kwerelanti jew xi hadd minnhom, billi uzaw artifizzji u raggiri li pperswadew lill-kwerelant Emmanuel Sammut inehhi l-mandat ta' qbid fuq il-vetturi GMY-054 u HPY-028, jew li kienu b'xi mod intizi sabiex finalment iwasslu biex isir it-trasferiment tal-imsemmija vetturi mill-imputat Jason Calleja lill-imputat Carmel Zammit.

Illi dak li jikkostitwixxi "raggiri" u "artifizji" mehtiega ghar-reat ta' truffa, huwa ben stabbilit.

Dwar l-artifizzji, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis** moghtija fil-31 ta' Ottubru, 1959, fissret illi:-

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322*[36] *tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi,* ***minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur****"*. [enfasi ta' din il-qorti]

[36] Illum l-Artikolu 308.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija versus George Manicolo**[37], gie kkunsidrat li:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur.*

Izda, gie ritenut ukoll illi:-

"*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe` dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet'.*[38]

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz odjern, il-qorti minnufih tosserva illi l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova kwalsiasi biex turi kif l-imputati jew wiehed minnhom ingannaw bil-kwerelanti biex tnehha l-mandat ta' qbid fuq il-vetturi, jew biex sehh it-trasferiment tal-vetturi licenzjati f'isem l-imputat Calleja f'isem l-imputat Zammit.

Illi filwaqt li huwa minnu illi jirrizulta li l-kwerelant Sammut talab u ottjena r-revoka tal-mandat ta' qbid li huwa kien kiseb fil-konfront tal-imputat Jason Calleja, in anticipazzjoni u bit-tama li ser jigi ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn bintu u l-istess imputat, il-qorti ma rriskontrat ebda prova li l-kwerelant gie indott li jirrevoka l-mandat b'effett ta' ingann, bl-uzu ta' qerq u lanqas b'xi gidba, u kwantu ghar-reat ta'

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998
[38] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20 ta' Gunju 1997, Qorti tal-Appell Kriminali.

truffa, huwa mankati wkoll l-element ulterjuri tal-messa in xena u l-uzu ta' raggiri jew artifizzji li jkunu sawru il-perswazjoni fil-kwerelant li kellu jitnehha dan il-mandat jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga ohra bil-hsieb pozittiv li jsir it-trasferiment tal-vetturi in kwistjoni.

Fil-fehma tal-qorti, fil-prospett tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt u fit-thassir tal-appuntament skedat ghat-30 ta' Jannar 2014, ma jikkonfigurawx ir-raggiri u artifizzji li l-ligi tesigi ghar-reat ta' truffa u certament, anke jekk dan il-prospett induca lill-kwerelanti biex inehhi l-effetti tal-mandat ezekuttiv fuq il-vetturi tal-imputat, ma hemm ebda prova illi kienu effettivament l-imputati li holqu dan il-prospett u lanqas illi kkonvincew lill-kwerelant biex inehhi l-mandat.

Il-qorti tosserva illi jekk l-allegat ingann da parti tal-imputat Calleja tikkonsisti biss f'rassigurazzjoni li kien sejjer jattendi l-appuntament li skont ix-xhieda tal-kwerelanti kien skedat ghat-30 ta' Jannar 2014 izda madanakollu huwa naqas milli jattendi ghalih, dan wahdu ma jista' qatt jammonta ghal qerq wisq inqas jista' jammonta ghall-messa in xena li jenhtieg bhala wiehed mill-elementi kostittuttivi ta' dan ir-reat.

Hawnhekk, il-qorti tosserva illi li l-kwerelant Sammut, bhala l-kreditur ezekutant li fuq talba tieghu kien originarjament inhareg il-mandat ta' qbid, kien diga` talab il-hrug tal-kontromandat jumejn qabel l-appuntament tat-30 ta' Jannar 2019. Izda ma hemm ebda prova illi kienu l-imputati jew xi hadd minnhom illi inducih, lanqas permezz ta' luzingi jew raggiri specifici, li jikseb it-tnehhija tal-effetti tal-mandat, *multo magis* it-tnehhija tal-mandat **qabel** il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex il-prospett li l-imputat Calleja jbiegh wiehed mill-vetturi ma jirrizultax mill-provi li kien wiehed konkret u li kien jehtieg **necessarjament** it-tnehhija minn qabel tal-mandat ta' qbid. Ghall-qorti setghet forsi tigi prospettata messa in xena f'dan il-kaz kieku l-imputat wera b'atti esterni illi kien sab, bil-bejgh tal-vann, il-finanzjament mehtieg biex jigi saldat id-dejn gravanti d-dar matrimonjali sabiex il-fond jinheles mill-ipoteki biex jigi trasferit f'isem bintu, u li

kien mehtieg necessarjament it-tnehhija tal-mandat sabiex dan il-bejgh jimmaterjalizza.

Izda fattwalment, l-qorti ma rriskontrat ebda evidenza konklussiva li tikkonvinciha li l-imputati jew wiehed minnhom iffabrika l-potenzjal tal-bejgh ta' xi vettura, jew ta' stat ta' fatt iehor, li induca lill-kwerelant jemmen li kellu jipprokura sahanistra minn qabel u mhux waqt, il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-kontro mandat relattiv.

Ma hemmx prova lanqas permezz ta' dokumenti, korrispondenza jew xhieda ohrajn, li jaffermaw li l-imputat kien ikkommetta ruhu definittivament u li kien ghamel it-thejjijiet kollha li kienu inevitabbilment mehtiega biex fit-30 ta' Jannar 2014 jew fl-14 ta' Frar 2014, jitwettaq il-ftehim li allegatament intlahaq bejn il-partijiet ghall-konkluzjoni tas-separazzjoni.

Il-qorti tosserva wkoll illi effettivament, l-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni esebit in atti ma jsemmi xejn dwar il-ftehim li l-kwerelanti jallegaw illi kien intlahaq sabiex is-self bankarju li jidher li kien ghadu dovut mill-konjugi Calleja[39], jithallas jew jithallas esklussivament mill-bejgh ta' xi wahda mill-vetturi tal-konjugi Calleja. Barra minn hekk lanqas jirrizulta sodisfacjentement il-qbil li l-kwerelanti jallegaw li kien intlahaq dwar ir-ripagament tas-self dovut lill-kwerelant Sammut u l-qorti tosserva li fl-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni, ma sar ebda accenn kwalsiasi ghall-kreditu dovut lill-kwerelant Sammut u lill-bank, u lanqas hemm indikat illi dawn id-debiti kellhom jigu saldati mill-bejgh tal-vetturi li eventwalment gew trasferiti lill-imputat Zammit.

Il-qorti lanqas tista' tonqos milli tirrimarka fir-rigward, illi ghalkemm il-kwerelanti xehdet li l-kuntratt kien gie awtorizzat mill-Qorti Civili, din l-awtorizzazzjoni ma tirrizultax mill-istess abbozz u lanqas jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Camilleri illi l-kuntratt minnha abbozzat kien gie awtorizzat b'digriet tal-qorti jew li hija kienet

[39] Dan is-self kien garantit bl-iskrizzjoni ta' ipoteka specjali fuq il-fond matrimonjali taghhom.

effettivament irtirat il-minuta relattiva ghall-publikazzjoni. Effettivament ma jirrizultax lanqas illi n-Nutar Camilleri, xi Nutar iehor jew xi rapprezentant tal-bank kienu avzati bil-laqghat li kellhom isiru mal-bank ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, u lanqas jirrizulta li kien lahaq sar xi abbozz tal-kancellament tal-ipoteka specjali tal-bank fuq id-dar matrimonjali in anticipazzjoni tal-hlas ghas-saldu li qed jigi allegat li kellu jsir dakinhar mill-imputat.

Jigi osservat ulterjorment illi fil-kwerela li ghamel lill-Pulizija, il-kwerelant Sammut ta s-segwenti verzjoni dwar ir-raguni ghat-tnehhija tas-sekwestru:-

"*Dan is-sekwestru kelli nwaqqaw qabel ma kellu jigi ffirmat l-kuntratt fit-30 ta' Jannar 2014.*"[40]

Dwar ir-raguni ghaliex ipproceda sabiex inehhi l-mandat, l-istess kwerelant xehed hekk:-

"*Av. Parte Civile: Inti fuq dawn il-mandati kellek taghmel xi haga x'ghamilt?*

*Emmanuel Sammut: Kelli biex innehhi l-mandati* ***biex ikunu jistghu imexxu l-process taghhom il-bank****.*"[41]

Sussegwentement fl-istess depozizzjoni, izda in kontro-ezami, il-kwerelant xehed illi huwa kellu jnehhi l-mandati:-

"*...* ***ghax Transport Malta riedu n-notifika*** *u biex isir dan il-kuntratt bejniethom li ftiehmu... biex jithallas il-bank u kollox*"[42]

---

[40] Fol. 50.
[41] Fol. 54 – enfasi tal-qorti.
[42] Enfasi tal-qorti.

Ghakemm da parti taghha l-kwerelanta Daniela Calleja xehdet illi "… *l-parents tieghi kellhom jirrilaxxaw dan il-mandat sabiex ikun jista' jsir … il-kuntratt ta' separazzjoni*", jigi osservat illi f'ebda waqt matul id-depozizzjoni taghha ma fissret illi kien l-imputat Calleja li ghamel xi raggiri li minhabba fihom missierha qabel li jnehhi l-mandati.

Minn ezami tat-testimonjanza tal-kwerelanti fuq citata, il-qorti ma hija xejn konvinta illi kien l-imputat li ffissa jew hassar l-appuntament tat-30 ta' Jannar 2014, wisq inqas ma hija konvinta illi dan kollu sar bil-hsieb specifiku li, bit-tnehhija tal-mandat li kien saret effettiva dakinhar stess, l-istess imputat jghaddi biex jittrasferixxi l-licenzja tal-vetturi milqutin, lil terzi. Infatti jirrizulta illi t-trasferiment tal-licenzji lill-imputat Zammit **sar gimaghtejn shah** wara t-talba ghall-hrug tal-kontro mandat, f'liema perijodu l-kwerelanta Daniela Calleja xehdet illi l-imputat zewgha kien beda jheddidha b'messaggi u telefonati[43].

Ikkunsidrat;

Ghall-kompletezza, huwa opportun li jigi osservat ukoll illi l-uniku mandat li gie esebit fl-atti, mahrug fuq talba tal-kwerelant Sammut fil-konfront tal-imputat Calleja, huwa l-mandat ta' qbid bin-numru 1569/2013[44]. Jirrizulta madanakollu illi dan il-mandat ma kien notifikat f'idejn ebda awtorita` jew bank, u ghalhekk hija ftit spjegabbli l-verzjoni tal-kwerelanti li dan il-mandat kellu jinhareg u jigi notifikat qabel u sabiex jigi processat l-allegat ftehim tas-separazzjoni. Ma ngiebet ebda prova lanqas dwar kif il-mandat ta' qbid - li l-ezekuzzjoni tieghu giet awtorizzata fuq tliet vetturi kif ukoll fuq il-mobbli sitwati fil-fond 'Santa Maria', Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha - seta' fixkel il-process bankarju biex jigi ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni.

---

[43] Fol. 30.

[44] Mandat ezekuttiv mahrug fl-14 ta' Ottubru 2013. Giet esebita wkoll kopja legali tal-kontro mandat relattiv mahrug fit-30 ta' Jannar 2014, bin-numru 149/14.

Barra minn hekk, mill-atti tal-mandat ta' qbid esebit fl-atti, senjatament mir-referta l-ufficjal ezekuttiv a fol. 145 tal-atti, jidher illi **dan baqa' qatt ma gie ezegwit** fuq il-vetturi indikati fl-istess mandat ghall-fini tal-ezekuzzjoni, fosthom il-vetturi GMY-054 u HPY-028. Dan ifisser illi l-vetturi in kwistjoni, li wara kollox kienu licenzjati f'isem l-imputat Calleja, effettivament **qatt ma kienu milqutin bl-effetti tal-mandat ta' qbid** u ghaldaqstant setghu jigu trasferiti liberament lil terzi minghajr il-htiega li jigi ingannat il-kwerelant Sammut sabiex dan it-trasferiment isehh.

Mizmum ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ma tistax ma tosservax illi filwaqt li huwa ftit spjegabbli x'wassal lill-kwerelant Sammut jemmen li jekk ma jnehhix il-mandat qabel l-appuntament skedat ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, is-separazzjoni ma setghetx tigi konkluza, ma **tressqu ebda provi li juru li kien l-imputat Calleja nnifsu illi esiga t-tnehhija tal-mandat ta' qbid sabiex jersaq ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni**. Effettivament, kif diga` ntqal, ma hemm ebda prova li torbot xi manuvra specifika tal-imputat Calleja mar-revoka tal-mandat u lanqas jirrizulta xi prova ohra li turi li l-imputat holoq xi cirkostanzi jew wettaq atti materjali biex jaghti affidament u kredibbilita` lill-prospett li s-separazzjoni kienet sejra tigi konkluza fit-30 ta' Jannar 2014 bil-bejgh ta' xi wahda mill-vetturi u kwindi bil-htiega li l-mandat ta' qbid jitnehha.

Il-qorti tqis illi l-htija ghad-delitt taht l-Artikolu 308 u l-Artikolu 309 setghet tigi ravvizata biss bil-prova konkreta illi l-imputat b'xi att estern ikkonvinca lill-kwerelant Sammut biex inehhi l-mandat fuq il-vetturi fil-waqt li kien diga` fformula l-hsieb li jittrasferixxi l-vetturi lil terzi. Din il-prova, izda, ma tirrizultax. Mill-unici brani relevanti tax-xhieda, fuq citati, huwa ovvju illi **l-imputati ma ssemmew imkien in konnessjoni mat-tnehhija tal-mandat** u minn din it-testimonjanza l-qorti lanqas tista' tidentifika mqar l-element baziku ta' ingann u qerq da parti ta' xi wiehed mill-imputati li induca lill-kwerelant Sammut inehhi l-effetti tal-mandat ezekuttiv tieghu, wisq inqas li sar xi ingann biex jiffacilita jew jippermetti li jsir it-trasferiment tal-vetturi mill-imputat Calleja lil terzi. Jekk il-kwerelant Sammut ghazel li jimxi b'dan

il-mod, mill-provi jirrizulta li dan ghamlu fuq talba jew parir ta' persuni ohrajn izda mhux tal-imputati. Konsegwentement, jekk l-imputat ghazel li jittrasferixxi l-vetturi di proprjeta` tieghu galadarba ma kienux milqutin bl-effetti tal-mandat, minghajr ma ssalda d-dejn bankarju, dan ghamlu mhux bis-sahha ta' xi luzingi jew promessi foloz dwar il-finanzjament tal-hlas tad-dejn u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni izda, evidentement, ghaliex **approfitta ruhu mis-sitwazzjoni izda mhux ghaliex qarraq bil-kwerelanti**.

Il-qorti tqis li jirrizulta manifest illi f'dak l-istadju l-imputat effettivament ma kienx kuntent illi jipprocedi bis-separazzjoni fuq it-termini li evidentement riedu l-kwerelanti u filwaqt li dawwar il-hsieb, approfitta ruhu mis-sitwazzjoni biex jittrasferixxi l-vetturi in kwistjoni fuq l-imputat Zammit. Izda kif rajna, f'dan l-agir ma jikkonfigurax l-ingann prospettat mil-ligi ghar-reat ta' frodi jew qligh b'qerq. M'huwiex kompitu tal-qorti li tindaga jekk l-agir tal-imputat Calleja jistax jaghti lok ghal riperkussjonijiet civili, izda dak li hu zgur huwa li t-trasferiment tal-vetturi lil terzi m'huwiex prosegwibbli kriminalment bhala reat ta' frodi.

Ikkunsidrat;

**Kwantu ghall-kwerelanti Daniela Calleja** u b'zieda mal-konsiderazzjonijiet kollha diga` maghmula, il-qorti tqis illi ghalkemm il-vetturi evidentement jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalkemm it-trasferiment taghhom lil terzi seta' sar minghajr il-kunsens u ad insaputa tal-kwerelanti b'konsegwenti telf patrimonjali, dan ma jirrizulta li sar bl-uzu ta' mezzi qarrieqa li pperswadew lill-istess kwerelanti tirrinunzja ghal xi dritt jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga.

Ghar-rigward specifikatament l-imputat Zammit, il-qorti zzid illi oltre ghan-nuqqas tal-prova li huwa inganna lill-kwerelanti, ma ngiebet ebda prova kwalsiasi li torbtu mal-kwerelanti[45], hlief illi huma jghidu li huwa habib tal-familja. Izda dan m'huwiex

[45] L-element tan-ness bejn is-soggett attiv u l-vittma tar-reat.

bizzejjed ghall-fini tal-prova tal-element materjali tan-ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittmi.

Il-qorti tirribadixxi wkoll illi fl-istharrig tal-provi ghad-determinazzjoni tal-htija o meno tal-imputati, m'hijiex sejra taghmel referenza ghad-dikjarazzjonijiet inkriminanti li saru mill-imputat fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom lill-Pulizija, u lanqas ma hi sejra taghmel uzu mid-dokumenti li huma setghu ghaddew lill-Pulizija in sostenn ta' dak minnhom dikjarat fl-istqarrijiet rispettivi taghhom meta, kif gia` stabbilit, huma ma nghatawx il-jedd li jkollhom assistenza legali waqt l-istqarrijiet minnhom rilaxxati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti tqis illi fin-nuqqas ta' prova dwar l-element essenzjali tal-ingann, ma jirrizultax li l-imputati wettqu xi frodi la taht l-Artikolu 308 u lanqas taht l-Artikolu 309 bi hsara ta' Daniela Calleja u/jew Emmanuel Sammut, u ghaldaqstant, ma jistghux jinstabu hatja ta' dawn ir-reati, u kwindi mhux mehtieg li tkompli tindaga dwar l-elementi l-ohrajn mehtiega ghar-reat taht l-Artikolu 308 u l-Artikolu 309.

**<u>IT-TIELET u R-RABA' IMPUTAZZJONI</u>**

It-tielet u r-raba' imputazzjoni jaddebitaw lill-imputati r-reati taht l-Artikolu 188 u 189 tal-Kodici Kriminali li rispettivament iqisu li huwa hati ta' dan ir-reat, kull min:-

*"… sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz…"*

u

*"… jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu …"*

Fil-kaz odjern, ghalkemm ma saritx referenza espressa mill-Prosekuzzjoni ghal liema dikjarazzjonijiet u liema dokumenti fost id-dokumenti kollha esebiti fl-atti, jinsabu fil-mira ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, il-qorti tqis illi huwa manifest li l-unici dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz li setghu inghataw mill-imputati jew xi wiehed minnhom, huma dawk relatati mal-*log books* tal-vetturi HPY-028 u GMY-054.

Kwantu ghall-imputat Calleja, billi d-dikjarazzjonijiet li huwa ghamel in konnessjoni mat-**telf u serq tal-log books tal-vetturi in kwistjoni fl-2012 u 2013** rispettivament, **jezorbitaw mill-parametri temporali tal-imputazzjonijiet** dedotti fic-citazzjoni, il-qorti ma tistax issib htija ghal fatti li mill-provi jirrizulta li sehhew ferm qabel il-perijodu ta' Frar sa Lulju 2014 li gie definit espressament fic-citazzjoni.

Izda fi kwalunkwe kaz, kwantu ghad-dikjarazzjoni fid-dokument a fol. 72 tal-atti, il-qorti thoss li ghandha tosserva illi ma tressqitx prova li l-logbook tal-vettura HPY-028 ma kienx effettivament mitluf fiz-zmien meta saret id-dikjarazzjoni relattiva mill-imputat Calleja lill-awtoritajiet tat-trasport ghall-fini ta' hrug ta' logbook iehor. Inoltre, ma jirrizultax illi l-imputat Calleja kien jaf illi l-log book originali ma kienx mitluf ghaliex, per ezempju, kien jinsab f'post jew fil-pussess ta' terzi persuni lilu noti.

Kwantu ghar-rapport li ghamel l-imputat Calleja dwar is-serq tal-log book tal-vettura GMY-054 fis-27 ta' Lulju 2013[46], fejn huwa ddikjara li martu qed tirrifjuta li taghtihulu biex jista' jsir it-testijiet necessarji fuq il-vettura, il-qorti wkoll hija tal-fehma li ma tistax tinstab htija fl-imputat Calleja ghar-reat taht l-Artikolu 188.

Fir-rigward, tosserva illi l-kwerelanti Daniela Calleja nnifisha konfermat fix-xhieda taghha illi hija zammet ghandha l-logbook tal-istess vettura meta zewgha gie ordnat mill-qorti biex jitlaq mid-dar matrimonjali f'Lulju 2013. Fir-rigward, il-kwerelanti

---

[46] Fol. 93 *et seq.*

mhux biss esebiet l-original ta' dan id-dokument li baqa' fil-pussess taghha, izda fil-kwerela taghha tat is-segwenti verzjoni ta' fatti:-

"*... il-licenzja tal-logbook ta' vann minnhom u cioe` tal-Ford Transit GMY-054 kienet ser tiskadi u ma nistax nifhem kif il-licenzja ggeddet meta l-logbook kien fid-dar matrimonjali li kien telaq minnha hekk kif ordnat mill-qorti f'Lulju 2013.*"

F'dan l-isfond, senjatament il-fatt illi l-konjugi Calleja fiz-zmien meta sar ir-rapport dwar is-serq tal-log book, kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni mhux ftit kontestati, kif ukoll il-fatt illi jirrizulta li l-kwerelanti Daniela Calleja kienet taf li l-licenzja tal-vettura kienet ser tiskadi u li zewgha kellu bzonn il-log book biex igedded l-istess licenzja, u nonostante dan hija baqghet izzomm id-dokument ghandha, il-qorti ma ghandhiex diffikolta` li taghti affidabbilita` lill-verzjoni moghtija mill-imputat Calleja fir-rapport li sar lill-Pulizija.

Jirrizulta wkoll sodisfacjentement mill-atti illi l-imputat Calleja kellu bzonn il-logbook ta' din il-vettura sabiex isiru t-testijiet mandatorji fuq il-vettura ghall-fini tat-tigdid tal-licenzja u effettivament jirrizulta mill-atti li sar it-test relattiv fuq din il-vettura fid-29 ta' Lulju 2013[47]. Anke jekk id-deskrizzjoni ta' serq forsi ma kienetx l-iktar wahda felici legalment, il-qorti tifhem illi r-rapport li ghamel l-imputat lill-Pulizija li abbazi tieghu saret id-dikjarazzjoni sussegwenti lill-awtoritajiet tat-trasport dwar il-log book tal-vettura GMY-054, kienu sostanzjalment veritjeri. Ghaldaqstant, il-qorti ma ssibx htija fl-imputat Calleja ghar-reat taht l-Artikolu 188 kwantu ghad-dikjarazzjonijiet u taghrif minnu moghtija fid-dokumenti esebiti a fol. 72 u 92 tal-atti.

Ikkunsidrat;

Illi minn dan isegwi illi l-unici dokumenti li jinkwadraw fil-paramentri tac-citazzjoni ghall-fini tad-determinazzjoni ta' htija ghat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, huma s-segwenti:-

---

[47] Ara fol. 98.

-id-dokument tat-trasferiment tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HPY 028 mill-imputat Calleja lill-imputat Zammit fil-11 ta' Frar 2014[48]; u

-id-dokument tat-trasferiment tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY-054 mill-imputat Calleja lill-imputat Zammit fil-11 ta' Frar 2014[49].

Dwar id-dikjarazzjoni u taghrif li nghataw miz-zewg imputati odjerni bhala bejjiegh u kompratur rispettivament tal-vettura HPY-028[50] u tal-vettura GMY-054[51], ghall-fini tat-trasferiment tal-licenzja taghhom, huwa evidenti illi l-fatti addebitati lill-imputati ghall-fini tar-reati taht l-Artikolu 188 u 189 tal-Kap. 9, jinkwadraw korrettement fil-parametri temporali definiti fic-citazzjoni ghaliex it-trasferiment u d-dikjarazzjoni tal-bejgh tal-vetturi saru entrambi fil-11 ta' Frar 2014.

**Kwantu ghall-Artikolu 188 tal-Kap. 9**, gie ritenut illi dan l-Artikolu jipprospetta l-falsita` ideologika li giet imfissra mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea**[52] meta ddistingwiet bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku f'kaz fejn l-imputat uza fuq vettura partikolari *number plates* li kienu registrati fuq vettura ohra, u riteniet illi l-istess principju jsib applikazzjoni ghall-kaz quddiemha li kien jitratta l-uzu fuq vettura ta' *road licence* appartenenti lil vettura ohra:-

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n.2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew*

[48] Fol. 73.
[49] Fol. 91.
[50] A fol. 73.
[51] A fol. 91: bejgh datat 11 Feb, 2014 tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY 054.
[52] Deciza 17 ta' Ottubru 1997.

*meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*".

Mizmum ferm l-insenjament fuq rapportat, il-qorti tqis illi filwaqt li mhux kontestat illi l-logbooks li kopja taghhom gew esebiti fl-atti minn Stephen Cachia[53] huma genwini, ma hemmx prova sodisfacjenti illi l-logbooks tal-vetturi GMY-054 u HPY-028 gew iffalsifikati fis-sustanza taghhom.

Hawnhekk il-qorti tirribadixxi l-konkluzjoni taghha illi ma ghandhiex taghmel referenza u tiehu qies tal-istqarrijiet tal-imputati u tad-dokumenti li huma ssottomettew lill-Pulizija in segwitu u in sostenn ta' dawk l-istqarrijiet, li jkun fihom dikjarazzjonijiet inkriminanti, sabiex issib htija u dan ghal ebda wiehed mir-reati addebitati lill-imputati. Izda, jekk ma jittehidx qies tad-dokumenti u stqarrijiet rilaxxati mill-imputati minghajr ma nghataw il-jedd li jkollhom assistenza legali waqt l-interrogazzjoni taghhom mill-Pulizija, isegwi illi ma hemmx prova ohra ammissibbli fl-atti li jikkontradixxi effettivament id-dikjarazzjoni li saret fuq il-logbooks rispettivi illi l-vetturi nbieghu lill-imputat Zammit u konsegwentement ma jirrizultax li l-imputati ghamlu xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew skorretta fl-imsemmi dokument u lanqas li huma taw taghrif falz dwar it-trasferiment tal-vetturi in kwistjoni bl-intenzjoni li jizvijaw lill-awtoritajiet.

Wara kollox, it-tezi shiha tal-prosekuzzjoni hija mibnija kollha kemm hi fuq il-verzjoni illi l-imputati qarrqu bil-kwerelanti meta l-vetturi GMY-054 u HPY-028 gew trasferiti mill-imputat Calleja lill-imputat Zammit u soffrew telf patrimonjali b'effett tal-istess trasferimenti. Jekk allura qed jigi allegat issa illi effettivament ma sar ebda bejgh tal-vetturi in kwistjoni lill-imputat Zammit u li dawn baqghu proprjeta` tal-imputat Calleja, kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat fid-dokument tat-trasferiment, jigi riskontrat ostakolu ulterjuri fil-kostatazzjoni tal-element tat-telf patrimonjali ghad-

[53] Fol. 64 HPY-028 u fol. 91 GMY-054.

dannu tal-allegati vittmi, li kif gia` stabbilit, huwa element essenzjali ghall-fini tar-reati taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9.

Wiehed ma jridx jinsa wkoll hawnhekk illi ghall-fini tal-awtoritajiet tat-trasport, il-firma tal-kwerelanti Daniela Calleja fuq il-log books in kwistjoni ghall-fini tat-trasferiment tal-vetturi, ma kienetx mehtiega ghaliex hija stess affermat illi (i) l-prezz tal-akkwist taz-zewg vetturi kien thallas kollu f'kontanti, u (ii) ma kienetx iffirmat il-log books relattivi bhala l-konjugi tal-kompratur tant illi l-vetturi gew licenzjati esklussivament f'isem l-imputat Calleja. Konsegwentement, ma jirrizultax li saret dikjarazzjoni falza fuq id-dokumenti tat-trasferiment tal-proprjeta` tal-vetturi.

Ghall-kompletezza il-qorti tqis ukoll illi t-testimonjanza tal-kwerelanti, li xehdu illi l-imputat Calleja ghadu juza regolarment il-vetturi li gew trasferiti lill-imputat Zammit, ma hijiex wahedha prova bizzejjed dwar il-falzita` ideologika tad-dokumenti li fihom saret id-dikjarazzjoni dwar il-bejgh tal-vetturi u ma tikkonvincix lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi kuntrarjament ghal dak dikjarat, ma sar ebda bejgh tal-vetturi. Huwa minnu illi l-kwerelanti Daniela Calleja xehdet illi zewgha llum ghadu jahdem bil-vetturi u jopera n-negozju tat-trasport bl-istess vetturi u impjegati li kellu qabel it-trasferiment tal-licenzja[54], izda din it-testimonjanza ma ssarrafx *ut sic* fil-prova fil-grad li tesigi l-ligi illi l-vetturi in kwistjoni ma gewx effettivment mibjughin lill-imputat Zammit kif gie dikjarat fil-log books relattivi u li kwindi saret dikjarazzjoni falza. Il-fatt li l-imputat Calleja minkejja l-bejgh tal-vetturi lil terzi, ghadu fil-pussess tal-istess vetturi u baqa' juzahom ghall-gestjoni tan-negozju tieghu, ma jfissirx, u l-qorti m'hijiex sejra taghmel kongetturi, biex tasal ghall-konkluzjoni illi l-vetturi ma gewx effettivament mibjughin u illi konsegwentement saret dikjarazzjoni falza lill-awtoritajiet fuq id-dokument tat-trasferiment tal-istess vetturi. Ma ngiebet ebda prova konvincenti li ragjonevolment teskludi li l-vetturi gew mghoddija lura lill-imputat Calleja taht titolu iehor koncess sussegwentement ghall-bejgh.

[54] Xhieda 14 ta' April 2016.

Ikkunsidrat;

**Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 189 tal-Kap. 9** addebitat lill-imputati fir-raba' imputazzjoni, il-gurisprudenza kostanti in materja tirritjeni illi l-falz kontemplat ghall-fini ta' dan ir-reat, huwa l-falz materjali u mhux il-falz ideologiku[55].

Izda, fil-kaz in dizamina huwa evidenti li l-falz li bih qed jigu akkuzati l-imputati odjerni huwa l-falz ideologiku u mhux dak materjali u dan ghaliex mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputati qed jigu mixlija li bidlu jew b'xi mod ghamlu falsifikazzjoni ta' certifikat diga` ezistenti. Jidher ghalhekk li l-Artikolu 189 ma jinkwadrax ruhu fil-fattispecie tal-kaz odjern stante li ma saret ebda kontestazzjoni dwar l-awtenticita` tal-logbooks li kopji taghhom gew esebiti minn Stephen Cachia, liema dokumenti gew sottomessi mill-imputati lill-awtoritajiet tat-trasport, u lanqas gie allegat mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-proceduri odjerni illi saret xi falsifikazzjoni ta' xi dettall fid-dokumenti in kwistjoni ghall-fini ta' prova dwar il-falz materjali.

## IL-HAMES IMPUTAZZJONI

Illi l-imputati jinsabu mixlijin bir-reat ta' ragion fattasi skont l-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali.

In propositu, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Gona Caruana et**[56], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet rassenja metikoluza tal-elementi legali li jsawwru r-reat tar-ragion fattasi u ppuntwalizzat illi l-elementi kostituttivi tar-reat huma differenti minn dawk kontemplati mill-Kodici Taljana. Fost l-osservazzjonijiet maghumla in materja, insibu s-segwenti:

---

[55] Ara Pulizija vs Paul Galea, deciza fis-17 ta' Ottubru 1997, u Pulizija vs Paul Muscat, deciza 30 ta' Lulju 2014, Qorti tal-Appell Kriminali.

[56] Appell numru 398/2017 CSH, sentenza moghtija fil-31 ta' Lulju, 2018

*"Ir-reat ta' ragion fattasi jikkonsisti f'persuna li minghajr l-intenzjoni li jisraq jew li jikkawza hsarat, izda fl-ezercizzju ta' dritt li jippretendi li ghandu, b'mod arbitrarju, jenforza dan id-dritt, hekk imsejjah arbitrarju, kif komunement maghruf li 'jiehu il-ligi b'idejh."*

Fl-istess sentenza appena citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet ukoll espozizzjoni dwar l-erba' elementi kostituttivi mehtiega ghall-esistenza ta' dan ir-reat, liema elementi kienu gew mehuda mit-taghlim ta' Carrara. Dawn huma:-

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorità di magistrati;*
*4. Mancanza di titolo più grave*[57].

Dawn l-elementi gew adottati pacifikatament f'kull kaz ta' ragion fattasi[58] u gie kostantament ritenut illi biex jikkonfigura r-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-erba' elementi b'mod kumulattiv.

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz, l-imputat Jason Calleja u martu Daniela kienu separati *de facto* u fil-process li jipprovaw jiftiehmu bonarjament dwar it-termini u kundizzjonijiet tas-separazzjoni personali taghhom. Iz-zewg vetturi trasferiti lill-imputat Zammit kienu jappartjenu lill-konjugi Calleja flimkien stante illi gew akkwistati waqt iz-zwieg taghhom, u kwindi jifformaw parti mill-komunjoni tal-assi ezistenti bejniethom.

---

[57] F Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 536.
[58] Ara fost diversi sentenzi: **Il-Pulizija v. Giuseppe Bonavia et,** Vol. XXXII F, parti IV, p 768, 14 ta' Ottubru 1944, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); **Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia**, Vol. XLI F, parti IV, p. 1506, 14 ta' Dicembru 1957, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); u **Il-Pulizija v. Professor Henry Frendo,** Appell Kriminali Nru: 210/2004, 19 ta' Awwissu 2005, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri).

Kwantu ghall-element tal-att estern, gie ritenut fis-sentenza appena citata illi:-

*"Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-att estern u cioe' "the physical or external component… the harmful or blameworthy conduct which the law seeks to prevent"*[59]

Il-qorti tqis illi t-trasferiment tal-licenzji tal-vetturi mill-imputat Calleja lill-imputat l-iehor huwa bla dubju l-att estern li l-Prosekuzzjoni taddebita lill-imputat bhala wiehed mill-elementi tar-reat in dizamina. Izda ghalkemm qed jigi allegat illi bit-trasferiment tal-vetturi, iz-zewg imputati ikkommettew r-reat ta' ragion fattasi, ghandu jinghad minnufih illi Carmel Zammit ma jista' qatt jikkonfigura bhala agent ta' dan ir-reat ghaliex hu ma ghamel xejn hlief accetta t-trasferiment tal-vetturi f'ismu u b'hekk la wettaq xi att estern u lanqas ma ezercita arbitrarjament xi dritt pretiz.

Stabbilit li jirrizulta l-att estern da parti tal-imputat Calleja, irid jigi determinat jekk, meta l-imputat Calleja meta ttrasferixxa l-vetturi lill-imputat l-iehor, huwa fixkel lill-kwerelanti Daniela Calleja fil-pussess taghha tal-istess vetturi u naqsilha t-tgawdija taghha ta' dawn il-vetturi, cioe` l-element tal-usurpazzjoni.

Izda l-qorti hija tal-fehma illi l-imsemmija kwerelanti ma gietx imfixkla fil-pussess taghha tal-vetturi in kwistjoni proprju ghaliex ma tressqet ebda prova li dawn il-vetturi jew xi wahda minnhom kienu jintuzaw mill-kwerelanti u li kellha l-pussess materjali taghhom u, minn dak li xehdet hija stess, jirrizulta illi kien l-imputat wahdu li kien juza l-vetturi in kwistjoni:-

*"Mela, illum il-gurnata l-vetturi ir-ragel tieghi* ***ghadhu jahdem bihom u ghandhu l-lavranti bhal ma meta kien ghadhu jghix id-dar*** *igifieri l-affarijiet ghaddejjin normali... normali w ghandu 1-lavranti w kollox ghaddej normali w qed juzahhom hu"*[60] [enfasi tal-qorti]

Il-qorti ma taqbilx illi l-fatt illi l-vetturi jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti jfisser illi l-imputat Calleja, li f'ismu kienu licenzjati l-vetturi in kwistjoni, ma setax

[59] H Jones & M G A Christie, Criminal Law, (3rd Edition, W Green & Son Limited, Edinburgh 2003) 49.
[60] Kontro ezami ta' Daniela Calleja a fol. 38.

jittrasferihom lil terzi minghajr ma jnaqqas jew ifixkel it-tgawdija da parti ta' martu tal-imsemmija vetturi. Effettivament, mill-gabra tal-provi jirrizulta illi huwa l-imputat Calleja li kien u ghadu juza l-vetturi in kwistjoni, u mhux martu l-kwerelanti u wisq inqas missierha Emmanuel Sammut.

In tema tal-element tan-nuqqas tat-tgawdija tal-oggett, gie ritenut illi[61]:-

*"Sabiex dan l-element jissussisti, l-att estern ghandu jkun dirett biex jostakola lil dik il-persuna mit-tgawdija* ***attwali*** *tal-haga kemm jekk hi mobbli kif ukoll immobli. Dan il-principju gie imhaddan fis-sentenza fl-ismijet* ***Il-Pulizija v. Eileen Said***[62]*. Il-Qorti tal-Appell diversament preseduta rriteniet li "l-element materjali jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha"*[63]*. L-argument li jsegwi huwa x'ghandu jinftiehem bil-kelma 'tgawdija'. Id-dizzjunarju Black's Law Dictionary jiddefinixxi il-kelma 'enjoyment' bhala " as having the possession and the use of a right or thing, movable or immovable".*[64]

...

*Dan l-artikolu jipprotegi l-pussess tal-haga u mhux necessarjament il-proprjeta' per se. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Bianco***[65]*, il-Qorti tal-Magistrati tenniet li:-*

*"Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta' din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta" dan ir-reat* ***m"hemmx lok li jiġi ippruvat it-titolu****; huwa neċessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess ġie mfixkel b"azzjoni ta" terzi* ***sabiex b"hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett****".*[66]

Il-qorti tqis ukoll illi ghalkemm Daniela Calleja zammet fil-pussess taghha l-log book tal-vettura HPY-028, dan m'huwiex bizzejjed biex hi titqies li kienet fil-pussess tal-

[61] **Il-Pulizija vs Gona Caruana et**, *op. cit*.
[62] Appell Kriminali Nru: 37/2002, 19 ta' Gunju 2002, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono
[63] Vide anke Il-Pulizija v. John Pullicino, Appell Kriminali Nru: 243/2009, 16 ta' Novembru, 2009, Qorti tal-Appell Kriminali(Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono, Il-Pulizija v. Francis Sammut, Appell Kriminali Nru: 48/2009, 14 ta' Mejju 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono.
[64] B A Garner, Black"s Law Dictionary, (8th Edition Thomson West, USA 2004) 571
[65] Nru: 684/2006, 5 ta' Marzu, 2010.
[66] Enfasi ta' din il-qorti.

vettura in kwistjoni, anke minhabba li mill-atti jidher illi kienet il-kwerelanti nnifisha li usurpat lil zewgha fil-pussess tieghu tad-dokument relattiv meta rrifjutat li tghaddihulu sabiex ikun jista' jgedded il-licenzja tal-vettura li, wara kollox, kien juzaha ghall-hidma tan-negozju tieghu. Maghdud dan il-konsiderazzjoni illi kif diga` rajna, dan il-logbook gie kancellat mill-awtoritajiet tat-trasport u gie sostitwit b'iehor li nghata esklussivament fil-pussess tal-imputat Calleja.

Ghalkemm il-qorti hija tal-fehma illi l-imputat kien jaf bl-opposizzjoni tacita jew addirittura espressa taz-zewg kwerelanti ghall-att tat-trasferiment tal-vetturi lil terzi, u dan minhabba l-pendenza ta' proceduri ta' separazzjoni personali kif ukoll il-hrug tal-mandat ezekuttiv li kien intiz li jolqot il-vetturi in kwistjoni mill-kwerelant Sammut, ma giex ippruvat l-element tat-tgawdija tal-pussess tal-vetturi da parti ta' ebda wiehed mill-kwerelanti u kwindi lanqas ma jista' jirrizulta l-element tat-tfixkil jew usurpazzjoni ta' dak il-pussess. Inoltre, kif stabbilit, meta z-zewg vetturi gew trasferiti lill-imputat Zammit fil-11 ta' Frar 2014, il-vetturi ma kienu milqutin minn ebda mandat jew impediment iehor konness mat-trasferiment taghhom lil terzi.

Ikkunsidrat;

Huwa minnu illi mill-atti jidher illi l-imputat Calleja, meta wettaq l-att ta' trasferiment tal-vetturi lill-imputat Zammit, agixxa bil-hsieb li qed jezercita dritt li jahseb li ghandu, izda l-qorti m'hijiex konvinta illi l-imputat ma kellux dritt jagixxi b'dak il-mod. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm il-vetturi kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, dawn kienu licenzjati f'isem l-imputat Calleja wahdu u billi ma tirrizultax il-prova illi l-vetturi gew mibjughin lill-imputat Zammit bid-dejn, ma kien hemm ebda htiega tal-firma jew kunsens tal-konjugi l-iehor, cioe` l-kwerelanti Daniela Calleja, ghal dan il-bejgh ta' hwejjeg mobbli. F'kull kaz, il-firma tal-konjugi kienet tkun mehtiega f'kaz illi l-vettura inxtrat bin-nifs, element li ma jirrizultax ippruvat f'dan il-kaz.

Effettivament, skont l-Artikolu 1322(3) tal-Kap. 16 il-bejgh ta' hwejjeg mobbli ma jitqiesx bhala att ta' ammistrazzjoni straordinarja li jehtieg il-kunsens u adezjoni taz-zewg konjugi flimkien, u konsegwentement l-att ta' bejgh jew trasferiment lil terzi ta' vettura li tkun inxtrat waqt iz-zwieg u li jsir unilateralment minn dak il-konjugi li ghandu l-pussess u tgawdija esklussiva taghha, ma huwiex sindikabbli ghalkemm jista' jaghti lok ghal riperkussjonijiet ohrajn konnessi mal-krediti dovuti lill-komunjoni tal-akkwisti[67].

Il-qorti lanqas tista' twarrab id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili li jipprovdu illi atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju li jkunu jigu ezercitati minn wiehed mill-konjugi, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc jew negozju anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' dak in-negojzu kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja. Mill-atti processwali l-qorti fehmet illi dan in-negozju kien jigi gestit mill-imputat Calleja wahdu.

Mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-qorti ghalkemm hija konxja tal-insenjament li jirritjeni li ghall-fini ta' dan ir-reat hija bizzejjed il-prova li l-agent ragjonevolment jemmen li ghandu dritt u mhux mehtieg li jintwera li dan id-dritt jezisti realment, hija tal-fehma illi f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-ezercizzju tal-jedd mill-imputat Calleja kien wiehed arbitrarju. Ghall-kuntrarju, kollox juri li kien ezercizzju legittimu ta' jedd li, fin-nuqqas ta' prova tal-pussess materjali tal-vetturi da parti tal-kwerelanti, ma jistax jitqies li usurpahom fl-ezercizzju ta' pussess.

In konkluzjoni, il-qorti m'hjiex konvinta lanqas illi bl-att in kwistjoni, l-imputati usurpaw l-awtorita` pubblika: ma jirrizultax li sabiex isir dan it-trasferiment tal-vetturi l-imputat Calleja kellu bzonn jirrikorri ghall-awtorizzazzjoni ta' xi qorti biex jezercita

[67] Anke kieku dan l-att kien jehtieg il-kunsens u adezjoni tal-kwerelanti Daniela Calleja bhala l-konjugi l-ohra, l-att ta' amministrazzjoni straordinarja li jsir unilateralment minn wiehed biss mill-konjugi, ma jitqies li huwa bla effett legali dment li ma tigix segwita l-procedura prospettata fl-Artikolu 1326 tal-Kap. 16. Ma ngabitx prova li din il-procedura giet segwita fil-kaz odjern ghall-fini tal-annullament tat-trasferiment tal-vetturi lill-imputat Zammit.

dan l-att u dan minkejja l-pendenza ta' proceduri ta' separazzjoni personali. Jigi senjalat illi r-reat ta' ragion fattasi m'huwiex biss reat li jusurpa l-bniedem mid-dritt tat-tgawdija tieghu fuq propjeta`, izda huwa wkoll reat kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja fejn il-*"…criminosità consiste nello animo di sostituire l'autorità mia all'autorità del giudice, che avrei dovuto invocare perchè desse sanzione al mio diritto."*[68]

Ghaldaqstant, billi l-erba' elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat taht l-Artikolu 85 tal-Kap.9 ma gewx debitament ippruvati b'mod kumulattiv, il-qorti ma tistax issib htija fl-imputati.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li ma ssibx lill-imputati JASON CALLEJA u CARMEL ZAMMIT hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom u ghaldaqstant tilliberahom minn kull htija u piena.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 5(2) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tirrevoka wkoll l-ordni moghtija fil-21 ta' Lulju 2017 ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 u tal-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tichad ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

[68] Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V - Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 541.